MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' April, 2014

Numru 290/2009

Il-Pulizija

(Spettur Lawrence Cutajar)

vs

Noel Calleja

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat residenti Gzira bil-karta tal-identita' 426172M akkuzat talli fl-20 ta' April 2012 ghal habta ta' nosinhar gewwa l-Handaq, Hal-Qormi:

1. Fil-kapacita tieghu ta' direttur tal-Kumpanija Calleja Stone Concrete Ltd naqas milli jhares is-Sahha u Sigurta' tal-impjegati tieghu, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol li jkun qed isir u dan billi naqas milli jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini tal-Art 6 (1) (2) tal-Att 27/2000 Tal-Kap 424;
2. Talli fl-istess data, hin u lok u fil-granet ta'qabel, bhala persuna li jhaddem naqas li jaghzel persuna wahda jew aktar li jkollha l-hegga, kapacitajiet, kompetenza u tahrig

necessarju biex tassistieh fit-tehid ta' mizuri mehtiega fejn tidhol l-protezzjoni tas-Sahha u Sigurta'fuq il-post tax-xoghol u l-prevenzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' fuq ix-xoghol u dan ai termini tal-Art 9(1) ta' A.L.36/03;

3. Talli fl-istess data, hin u lok u fil-granet ta'qabel, naqas bhala persuna li jhaddem is-Sahha u Sigurta' tal-haddiema f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol u jaghmlu arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effetiv organizzat, kontroll, monitoragg u rivista tal-mizuri preventivi u protettivi, waqt li tikkunsidraw in-natura tal-attivitajiet u d-daqs tal-impriza u naqas ukoll li jiehu il-mizuri necessarji ghas-salvawardja tas-Sahha u Sigurta' fuq il-post tax-xoghol, u ghal dan il-ghan ghandu jippreveni riskji fuq il-post tax-xoghol u tipprovdi informazzjoni u tahrig kif mehtieg u dan ai termini ta' Art 4 (1)(2) u (3) tal-A.L. 36/03.

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghat x-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-Akkuzi fl-liema ammissjoni insista anke wara li l-Qorti taghtu hin jikkonsidra;

Fuq tali ammissjoni li hi wahda volontarja u inkondizzjonata wara li rat l-Artikolu 6 (1)(2) tal-Kap 424, l-Artikolu 9(1) u 4(1)(2)(3) tal-Avviz Legali 36/03 tiddeciedi li tilliberah taht l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal zmien sena mill-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------